REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/157

tat-23 ta' Jannar 2023

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2266 fir-rigward tar-referenza għaċ-ċertifikat u għall-awtoċertifikazzjoni tal-produtturi żgħar u indipendenti tax-xorb alkoħoliku fid-dokument amministrattiv simplifikat elettroniku

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23a(4) tagħha,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 23a(1) u (2) tad-Direttiva 92/83/KEE, l-Istati Membri, fuq talba, huma meħtieġa jipprovdu ċertifikat annwali għall-produtturi żgħar u indipendenti stabbiliti fit-territorju rispettiv tagħhom, u jippermettu lill-produtturi żgħar u indipendenti jiċċertifikaw huma stess, u b'hekk jikkonfermaw il-produzzjoni annwali totali tal-produtturi kif ukoll il-konformità tagħhom mal-kriterji stabbiliti f'dik id-Direttiva. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2266 ([2]) jispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fid-dokument amministrattiv u fid-dokument ta' akkumpanjament simplifikat li għandhom jirreferu għal dak iċ-ċertifikat jew dik l-awtoċertifikazzjoni għall-moviment tal-oġġetti skont il-Kapitolu IV jew V tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE ([3]).

(2) Id-Direttiva 2008/118/KE ġiet sostitwita bid-Direttiva (UE) 2020/262 ([4]) b'effett mit-13 ta' Frar 2023. Is-sistema kompjuterizzata msemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2020/263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) ("is-sistema kompjuterizzata") tintuża biex tissorvelja l-movimenti ta' oġġetti soġġetti għas-sisa li jkollhom arranġament ta' sospensjoni tad-dazju kif imsemmi fl-Artikolu 3, il-punt (6), tad-Direttiva (UE) 2020/262. Id-Direttiva (UE) 2020/262 testendi l-użu tas-sistema kompjuterizzata għas-superviżjoni tal-oġġetti soġġetti għas-sisa rrilaxxati għall-konsum fit-territorju ta' Stat Membru wieħed u mbagħad ittrasferiti lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor sabiex jitwasslu hemmhekk għal finijiet kummerċjali kif stabbilit fil-Kapitolu V, it-Taqsima 2, tad-Direttiva (UE) 2020/262. Sat-13 ta' Frar 2023, japplika r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3649/92 ([6]) fejn dawn il-movimenti jsiru taħt il-kopertura tad-dokument ta' akkumpanjament simplifikat, dokument f'forma stampata. B'effett minn dik id-data, ir-Regolament (KEE) Nru 3649/92 tħassar bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1636 ([7]) u dawn il-movimenti għandhom isiru taħt il-kopertura ta' dokument amministrattiv elettroniku simplifikat ippreżentat mill-konsenjatur bl-użu tas-sistema kompjuterizzata. Għalhekk, għal raġunijiet ta' ċarezza, ir-referenzi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2266 għad-Direttiva 2008/118/KE jenħtieġ li jiġu sostitwiti b'referenzi għad-Direttiva (UE) 2020/262, u r-referenzi għad-dokument ta' akkumpanjament simplifikat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2266 jenħtieġ li jitħassru minn dik id-data.

([1]) ĠU L 316, 31.10.1992, p. 21.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2266 tas-17 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni u l-awtoċertifikazzjoni ta' produtturi żgħar u indipendenti ta' xorb alkoħoliku għall-iskop tad-dazju tas-sisa (ĠU L 455, 20.12.2021, p. 26).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li tħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12).

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4).

([5]) Id-Deċiżjoni (UE) 2020/263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-kompjuterizzazzjoni tal-moviment u tas-sorveljanza ta' oġġetti soġġetti għas-sisa (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 43).

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3649/92 tas-17 ta' Diċembru 1992 dwar dokument ta' sostenn simplifikat għall-ispostament ta' ġewwa l-Komunità ta' prodotti soġġetti għat-taxxa tas-sisa li ġew mogħtija għall-konsum fl-Istat Membru ta' dispaċċ (ĠU L 369, 18.12.1992, p. 17).

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1636 tal-5 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 billi jistabbilixxi l-istruttura u l-kontenut tad-dokumenti skambjati fil-kuntest tal-moviment tal-oġġetti soġġetti għas-sisa, u li jistabbilixxi limitu għat-telf minħabba n-natura tal-oġġetti (ĠU L 247, 23.9.2022, p. 2).

(3) L-istruttura u l-kontenut tad-dokumenti amministrattivi elettroniċi skambjati permezz tas-sistema kompjuterizzata huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 684/2009 ([8]), li ġie sostitwit bir-Regolament Delegat (UE) 2022/1636 b'effett mit-13 ta' Frar 2023. Għalhekk, għal raġunijiet ta' ċarezza, ir-referenzi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2266 għar-Regolament (KE) Nru 684/2009 jenħtieġ li jiġu sostitwiti bir-referenzi għar-Regolament Delegat (UE) 2022/1636.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2266 jiġi emendat skont dan.

(5) Peress li l-estensjoni tal-użu tas-sistema kompjuterizzata stabbilita fid-Direttiva (UE) 2020/262 għandha tapplika mit-13 ta' Frar 2023, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi differita għal dik id-data.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar id-Dazju tas-Sisa,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2266 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 2*

Referenza għaċ-ċertifikat fid-dokumenti amministrattivi għall-moviment ta' oġġetti soġġetti għas-sisa";

(b) il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għall-finijiet ta' referenza għaċ-ċertifikat fid-dokumenti amministrattivi msemmija fl-Artikoli 20, 26, 36 u 38 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 (*), l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fihom, kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1636 (**), għandha tkun din li ġejja:

(*) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (riformulazzjoni) (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4).

(**) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1636 tal-5 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 billi jistabbilixxi l-istruttura u l-kontenut tad-dokumenti skambjati fil-kuntest tal-moviment tal-oġġetti soġġetti għas-sisa, u li jistabbilixxi limitu għat-telf minħabba n-natura tal-oġġetti (ĠU L 247, 23.9.2022, p. 2).";

(2) L-Artikolu 3 jitħassar;

(3) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 5*

Rekwiżiti għall-mili tad-dokumenti amministrattivi fil-każ ta' awtoċertifikazzjoni għall-moviment ta' oġġetti soġġetti għas-sisa";

(b) fil-paragrafu 1, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fid-dokumenti amministrattivi msemmija fl-Artikoli 20, 26, 36 u 38 tad-Direttiva (UE) 2020/262, l-istatus tal-produtturi żgħar u indipendenti għandu jiġi ddikjarat fil-kaxxa 17 l, kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2022/1636, fit-termini li ġejjin: *"Huwa b'dan iċċertifikat li l-prodott deskritt ġie prodott minn"* segwit minn, kif applikabbli, wieħed mit-termini li ġejjin:";

([8]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 684/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE fir-rigward tal-proċeduri kompjuterizzati għall-moviment ta' prodotti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa (ĠU L 197, 29.7.2009, p. 24).

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-produzzjoni annwali tax-xorb alkoħoliku tal-produttur indipendenti u żgħir għandha tiġi ddikjarata fil-kaxxa 17n tad-dokument amministrattiv, kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2022/1636. Il-kwantità għandha tkun indikata f'ettolitri, ħlief fil-każ tal-alkoħol etiliku, li għandu jkun indikat f'ettolitri ta' alkoħol pur.";

(4) L-Artikolu 6 jitħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-13 ta' Frar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Jannar 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN